Nru./No. 19,379
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2015
Friday, 6th February, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 905
Proclamation by the President of Malta *905*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 906 - 914
Government Notices ..... *906 - 914*

Avviżi lill-Baħħara ..... 914 - 915
Notices to Mariners ..... *914 - 915*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 916 - 933
Employment Opportunities ..... *916 - 933*

Avviżi tal-Gvern ..... 933 - 939
Notices ..... *933 - 939*

Offerti ..... 939 - 964
Tenders ..... *939 - 964*

Avviżi tal-Qorti ..... 964 - 988
Court Notices ..... *964 - 988*

ANNO DOMINI 2015 NRU. II

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) DOLORES CRISTINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President tkun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilha bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija assenti minn Malta;

U BILLI fis-6 ta' Frar, 2015, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, DOLORES CRISTINA, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, is-6 ta' Frar, 2015.

B'Awtorità,

(Iff.) JOSEPH MUSCAT
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2015 NO. II

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) DOLORES CRISTINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon her by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 6th day of February, 2015, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, DOLORES CRISTINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 6th day of February, 2015.

By Authority,

(Sd.) JOSEPH MUSCAT
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 106

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, innominat lill-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn id-29 u l-31 ta' Jannar, 2015, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Silvio Camilleri.

Is-26 ta' Jannar, 2015
(MJ/207/1989/VIII)

Nru. 107

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenent Kurunell Mario Spiteri mil-Lista Attiva tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għar-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali, meta rtira, b'seħħ mit-8 ta' Jannar, 2015.

Is-6 ta' Frar, 2015

Nru. 108

IL-PRIM MINISTRU
JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Frar, 2015 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.98 tat-2 ta' Frar, 2015, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-5 ta' Frar, 2015
(OPM/81/2013/VIII)

Nru. 109

SEGRETARJU EŻEKUTTIV
TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill Lokali b'seħħ mit-2 ta' Frar, 2015:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Il-Birgu	Antonia Belfiore

Is-6 ta' Frar, 2015

GOVERNMENT NOTICES

No. 106

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

It is notified for general information that, in virtue of the powers conferred by article 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo to perform the functions of Acting Chief Justice between 29th and 31st January, 2015, during the absence of His Honour the Chief Justice Silvio Camilleri.

26th January, 2015

No. 107

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Colonel Mario Spiteri from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Regular Reserve of Officers, on retirement, with effect from 8th January, 2015.

6th February, 2015

No. 108

RESUMPTION OF DUTIES BY
THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), Ph D (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Wednesday, 4th February, 2015 and that the arrangements made by Government Notice No. 98 of the 2nd February, 2015, ceased to have effect accordingly.

5th February, 2015

No. 109

LOCAL COUNCIL
EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 2nd February, 2015:

Local Council	*Executive Secretary*
Birgu	Antonia Belfiore

6th February, 2015

Nru. 110

KUMITAT KONSULTATTIV DWAR LISTA FORMULARJA TAL-GVERN (GFLAAC)

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1227 li ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Diċembru, 2013, Is-Sur Gordon Dalli nħatar Segretarju tal-tal-Kumitat Konsultattiv Dwar Lista Formularja Tal-Gvern (GFLAAC).

Is-6 ta' Frar, 2015

No. 110

GOVERNMENT FORMULARY LIST ADVISORY APPEAL COMMITTEE (GFLAAC)

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1227 published in Government Gazette dated 3rd December, 2013, Mr Gordon Dalli was appointed Secretary of the Government Formulary List Advisory Appeal Committee (GFLAAC).

6th February, 2015

Nru. 111

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (*PROBATION* U *PAROLE*)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 111

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (PROBATION AND PAROLE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Home Affairs and National Security has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Tonio Mercieca	Direttur *Director*	*Probation* u *Parole* *Probation and Parole*	12-13.02.2015

It-2 ta' Frar, 2015

2nd February, 2015

Nru. 112

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Nomina ta' Arbitri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġbu jaħtar lil Dr Reno Borg, BA (Hons), MA, LLD, Dr Adrian Camilleri, LLD, Dr Noel Camilleri, LLD, Dr Andy Ellul, LLD, Dr Edward Gatt, LLD, Dr Shaheryar Ghaznavi, LLD, Dr Katia Mercieca, BA (Hons), Dip. NP, LLD, Dr Vincent Micallef, LLD, u lil Dr Joseph Mifsud, LLD, biex ikunu Arbitri għall-finijiet tal-imsemmi Att.

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'effett mit-3 ta' Frar, 2015.

Is-6 ta' Frar, 2015

No. 112

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Umpires

IN exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act, the Minister for the Family and Social Solidarity is pleased to appoint Dr Reno Borg, BA (Hons), MA, LLD, Dr Adrian Camilleri, LLD, Dr Noel Camilleri, LLD, Dr Andy Ellul, LLD, Dr Edward Gatt, LLD, Dr Shaheryar Ghaznavi, LLD, Dr Katia Mercieca, BA (Hons), Dip. NP, LLD, Dr Vincent Micallef, LLD, and Dr Joseph Mifsud, LLD, to be Umpires for the purposes of the said Act.

These appointments are for a period of one year with effect from the 3rd February, 2015.

6th February, 2015

Nru. 113

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA, KAP. 372

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) b'dan javża lill-persuni/kumpanniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem *Name*	Referenza *Reference*
Mr Joseph Ebejer	394950M
Entertainments Ltd (C 25687)	992595809
Mr Johann Galea	26179M
Mr Simon Spiteri	354468M
Mr George Aquilina	403963M
Mr Frederick Saliba	304465M
Mr Joseph Borda	55574M
Mr Raymond Sammut	576458M

Is-6 ta' Frar, 2015

No. 113

INCOME TAX MANAGEMENT ACT CAP. 372

Notice in terms of Article 29

IN terms of the provision of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Director General (Inland Revenue Department) hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

6th February, 2015

Nru. 114

RILAXX TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 854 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Awwissu, 2014, it-titlu tal-istess Notifikazzjoni kellu jkun 'Rilaxx ta' Art'.

B'żieda mal-istess Notifikazzjoni tal-Gvern, il-paragrafu tal-bidu kellu jkun kif ġej:

"Din id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta skont l-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet Pubbliċi għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) tal-istess Ordinanza."

Is-6 ta' Frar, 2015

No. 114

RELEASE OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice 854 published in Government Gazette dated 22nd August, 2014, the title in the same Notice should read 'Release of Land'.

In addition to the same Government Notice, the introductory paragraph should have been as follows:

"The following declaration, made by the President of Malta under article 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinace (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of article 9(1) thereof."

6th February, 2015

Nru. 115

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Deputati Reġistraturi fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 27 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għażel lil Gaetana Aquilina, KI 315393 (M), Graziella Calleja, KI 78590 (M), Rosemarie Calleja, KI 448488 (M); Antonia Cassar, KI 714558 (M), Margaret De Battista, KI 15981(G), Karen May Falzon, KI 244179 (M), Kenneth Gauci, KI 474666 (M), u Deandra Zerafa, KI 69387 (M), biex jaqdu d-dmirijiet ta' Deputat Reġistratur skont il-liġi.

It-3 ta' Frar, 2015

No. 115

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Deputy Registrars at the Courts of Justice Department, Malta

In exercise of the powers vested in him by Article 27 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12), the Minister for Justice, Culture and Local Government has designated Gaetana Aquilina, ID 315393 (M), Graziella Calleja, ID 78590 (M), Rosemarie Calleja, ID 448488 (M), Antonia Cassar, ID 714558 (M), Margaret De Battista, ID 15981 (G), Karen May Falzon, ID 244179 (M), Kenneth Gauci, ID 474666 (M), and Deandra Zerafa, ID 69387 (M), to perform duties of Deputy Registrar according to law.

3rd February, 2015

Nru. 116

ATT TAL-2010 DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 81)

Tneħħija ta' Proprjetà mil-Lista tal-Iskedar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 153 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 16,085 tal-10 ta' Marzu, 1995) l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tneħħi mil-lista ta' proprjetà skedata, skont l-Artikolu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-proprjetà hawn taħt msemmija (li tidher fuq il-mappa f'paġna 910) li oriġinarjament kienet skedata bħala ta' Grad 2, jiġifieri:-

15, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk

Nhar it-12 ta' Jannar, 2015, il-Prim Ministru aċċetta li din il-proprjetà tiġi mneħħija mil-lista tal-iskedar.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 81 u 86 sa 90 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-30 ta' Jannar, 2015

No. 116

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (ARTICLE 81)

De-Scheduling of Property

WITH reference to Government Notice No. 153 (Government Gazette No. 16,085 of 10th March, 1995), the Malta Environment and Planning Authority declares that it is excluding from the list of scheduled property, in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act, 2010, the following property, (as shown on site plan on page 910) originally scheduled as Grade 2, namely:-

15, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk

On 12th January, 2015, the Prime Minister endorsed the removal of this property from the list of scheduled property.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 81 and 86 to 90 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Environment and Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

30th January, 2015

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E58780, N66545
Max E58966, N66712
Title :-
Descheduling of Property
15, Triq iz-Zejtun
M'Xlokk
Ref No. :-
Legend :-
Descheduled Property
Form No. :- MU004
N
TRIQ IŻ-ŻEJTUN
KNISJA
TRIQ SANT' ANDRIJA
WESGĦA
DUN ĠUŻEPP CARUANA
0
0.03
km
0.06

Nru. 117

NOTIFIKA TAD-DEROGA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bit-tieni proviso tar-Regolament 10(6) għall-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 504.71), il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima qiegħed, wara li ħa in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis (Malta), jawtorizza deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (d) u (e) sabiex isir studju fuq il-morfoloġija tal-bajd, bdil ta' bajd minn boton għal ieħor u sabiex jittieħdu kampjuni tad-demm minn mhux iktar minn 150 ferħ tal-Bufula tal-Imrewħa (*Cisticola juncidis*) waqt il-perjodu tat-tnissil tal-2015 (Frar sa Lulju) taħt il-kundizzjonijiet u kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Is-27 ta' Jannar, 2015

No. 117

NOTICE OF DEROGATION

BY virtue of the powers conferred by the second proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 504.71), the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has after giving due consideration to recommendations of the Malta Ornis Committee, decided to authorise derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (d) and (e) to carry out research on egg morphology and intraspecific cross fostering of eggs, and live sampling of blood from nestlings of the Zitting Cisticola (*Cisiticola juncidis*) during the 2015 breeding season (February to July) under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit.

27th January, 2015

Nru. 118

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza:	TRK149028
Post:	Sit f'Ta' Għadajma, L-Imqabba, Malta
Proposta:	Proposta għal bidla tal-użu ta' mħażen approvati b'PA04486/07 mill-klassi 6A għall-klassi 5B.

No. 118

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	TRK149028
Location:	Site at Ta' Għadajma, Mqabba, Malta
Proposal:	Proposed change of use of ware housing approved by PA04486/07 from class 6A to class 5B

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-14 ta' Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-19 ta' Novembru, 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 14th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 19th November, 2014.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart *Waste generation*	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett waqt l-operat mhux mistenni li jkun sinjifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. *The amount of solid waste likely to be generated by the project during operation is not likely to be significant considering the nature of the project.*
Storbju, vibrazzjonijiet u kwalità tal-arja *Air quality, noise and vibrations*	Emissjonijiet waqt l-operat mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti meta jiġi kkunsidrat is-sit tal-attività proposta li jinsab fl-imħażen approvati, li jinsabu taħt il-livell tat-triq. L-attività proposta tal-immaniġġar tal-iskart se jkun kopert minn permess ambjentali li jirregola l-operat tal-faċilità. *Emissions during operation, are not expected to be significant, noting the location of the proposed activity in an approved warehousing facility, located below street level. The proposed activity of sorting and baling of recovered waste material will be covered by an environmental permit that regulates the operation of the facility.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-6 ta' Frar, 2015

6th February, 2015

Nru. 119

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

No. 119

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta'

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an

studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza:	PA02762/14
Post:	J & J Boatyard & Warehousing, Garage Nru. 21, sit f'Ta' Għadajma L-Imqabba, Malta
Proposta:	Proposta għal bidla tal-użu ta' mħażen approvati b'PA04486/07 mill-klassi 6A għall-klassi 5B.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA02762/14
Location:	J & J Boatyard & Warehousing, Garage No. 21, site at Ta' Għadajma Mqabba, Malta
Proposal:	Proposed change of use of ware housing approved by PA04486/07 from class 6A to class 5B

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-26 ta' Awwissu 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-19 ta' Novembru, 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 26th August 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 19th November, 2014.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart *Waste generation*	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett waqt l-operat mhux mistenni li jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. *The amount of solid waste likely to be generated by the project during operation is not likely to be significant considering the nature of the project.*
Storbju, vibrazzjonijiet u kwalità tal-arja *Air quality, noise and vibrations*	Emissjonijiet waqt l-operat mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti, meta jiġi kkunsidrat is-sit tal-attività proposta li jinsab fi mħażen approvati, li jinsabu taħt il-livell tat-triq. L-attività proposta tal-immaniġġar tal-iskart se tkun koperta minn permess ambjentali li jirregola l-operat tal-faċilità. *Emissions during operation, are not expected to be significant, noting the location of the proposed activity in an approved warehousing facility, located below street level. The proposed activity of sorting and baling of recovered waste material will be covered by an environmental permit that regulates the operation of the facility.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-6 ta' Frar, 2015

6th February, 2015

Nru. 120

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.2.2015	€35.976	€0.519

Is-6 ta' Frar, 2015

No. 120

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

6th February, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2015

Il-West Cardinal Buoy f'Kemmunett – Nieqes

B'referenza għall-BA Chart 211A – Il-Fliegi bejn Malta u Għawdex, id-Direttorat għall-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-*West Cardinal Buoy* f'Kemmunett li jteptep malajr disa' darbiet kull ħmistax-il sekonda fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36º 00'.930	14º 18'.920

jinsab NIEQES

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti għal dan u jżommu 'l bogħod minnu.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA Chart 211, 2537, 194

Is-6 ta' Frar, 2015

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 5 of 2015

Cominotto West Cardinal Buoy – Missing

With reference to BA Chart 211A – Channels between Malta and Gozo, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Cominotto West Cardinal Buoy flashing quick 9 every 15 seconds in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 00'.930	14º 18'.920

Is MISSING

Mariners are to note the above and give a wide berth.

Position in WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 211, 2537, 194

6th February, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 6 tal-2015

East Cardinal Buoy ta' Marsalforn – Nieqes

B'referenza għall-BA Chart 211A – Il-Fliegi bejn Malta u Għawdex, id-Direttorat għall-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-*East Cardinal Buoy* ta' Marsalforn li jteptep malajr tliet darbiet kull 10 sekondi fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36º 04'.496	14º 15'.557

jinsab NIEQES

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti għal dan u jżommu 'l bogħod minnu.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA Chart 211, 2537, 194

Is-6 ta' Frar, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 5 tal-2015

Dragon Boat Malta - Canoe Race
fil-Port ta' Marsamxett

Dragon Boat Malta se torganizza Dragon Boat Race fid-Daħla ta' Tas-Sliema, Il-Port ta' Marsamxett nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2015 bejn nofsinhar u 6.00 p.m.

Il-bidu u t-tmiem se jkunu fix-Xatt ta' Tas-Sliema, quddiem is-Sliema Hotel. It-tlielaq se jieħdu r-rotta kif hemm fiċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) (minn punt A sa punt B).

Baħħara li jkunu jbaħħru fid-Daħla ta' Tas-Sliema għandhom joqogħdu attenti għal dan u għal dawk bil-kenuri, u biex jgħaddu bil-mod ħdejhom.

Fil-każ ta' maltemp, it-tlielaq se jsiru aktar qrib tax-xatt.

Chart affettwata: BA Chart 177

Is-6 ta' Frar, 2015

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 6 of 2015

Marsalforn East Cardinal Buoy – Missing

With reference is made to BA Chart 211A – Channels Between Malta and Għawdex, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Marsalforn East Cardinal Buoy flashing quick 3 every 10 seconds in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 04'.496	14º 15'.557

Is MISSING

Mariners are to note the above and give a wide berth.

Position in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA Chart 211, 2537, 194

6th February, 2015

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 5 of 2015

Dragon Boat Malta - Canoe Race
at Marsamxett Harbour

Dragon Boat Malta will be holding a Dragon Boat Race in Tas-Sliema Creek, Marsamxett Harbour on Monday 9th February 2015 between noon and 6.00 p.m.

The start and finish will be at the Strand, Tas-Sliema, opposite to the Sliema Hotel. The races will mainly follow the route as per chart on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt) (from point A to point B).

Mariners navigating in Tas-Sliema Creek are to take note of the above and keep a sharp lookout for the canoeists, to give a wide berth and navigate at very slow speed.

Should weather conditions be unfavourable, the races will be held closer to the coast.

Chart affected: BA Chart 177

6th February, 2015

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *Rubble and Ashlar Wall Builder* fid-Direttorat tal-Parks u l-Inizjattivi fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-4 ta' Frar, 2015)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Rubble and Ashlar Wall Builder* fid-Direttorat tal-Parks u l-Inizjattivi fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Din is-sejħa hija konnessa mal-implimentazzjoni tal-proġett LIFE12 NAT/MT/000182 "*Soil Stabilisation measures to protect annex I habitats in Buskett-Girgenti Natura 2000 site*". Il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm LIFE. Din il-pożizzjoni se tkun kofinanzjata mill-Programm LIFE.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Rubble and Ashlar Wall Builder* fid-Direttorat tal-Parks u l-Inizjattivi, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Rubble and Ashlar Wall Builder* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Rubble and Ashlar Wall Builder* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 17 (ekwivalenti għal EUR 12,835 fl-2015).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Rubble and Ashlar Wall Builder* jinkludu li:

i. tibni u ssewwi ħitan tas-sejjieħ u ħitan mibnija b'važi tal-ġebel jew kantun mingħajr superviżjoni;

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of Rubble and Ashlar Wall Builder in the Parks and Initiatives Directorate in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

(Capacity building approval dated 4th February, 2015)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director Corporate Services on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change invites applications for the position of Rubble and Ashlar Wall Builder in the Parks and Initiatives Directorate in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change. This call is being issued in relation to the implementation of project LIFE12 NAT/MT/000182 "Soil Stabilisation measures to protect annex I habitats in Buskett-Girgenti Natura 2000 site". This project is part-financed by the European Union under the LIFE programme. The position will be co-financed by the LIFE programme.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Rubble and Ashlar Wall Builder in the Parks and Initiatives Directorate, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Rubble and Ashlar Wall Builder is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Rubble and Ashlar Wall Builder is equivalent to the maximum point of Salary Scale 17 (equivalent to EUR 12,835 in 2015).

Duties

4. The duties of Rubble and Ashlar Wall Builder include:

i. building and repairing rubble and ashlar walls without supervision;

ii. tagħżel u tirranġa l-ġebel bl-użu ta' għodda tradizzjonali;

iii. tħaffer u tibni l-pedamenti għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ u ħitan mibnija b'važi tal-ġebel jew kantun skont kif meħtieġ;

iv. taħdem fuq ħitan tas-sejjieħ u ħitan mibnija b'važi tal-ġebel jew kantun ta' għamla u għoli diversi kif meħtieġ;

v. taħdem f'postijiet fil-miftuħ matul is-sena kollha;

vi. tibni ħitan, inkluż ħitan tas-sejjieħ u ħitan mibnija b'važi tal-ġebel jew kantun ta' għelieqi, ġonna eċċ;

vii. tiksi ġebel permezz ta' għodda tal-idejn skont il-ħtieġa u skont il-prattika tas-sengħa;

viii. tista' tkun meħtieġa li twaqqa' ħitan eżistenti;

ix. tagħmel xi xogħol ieħor konness ma' din is-sengħa u mat-tisbiħ tal-ambjent;

x. dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tal-Proġett *Life+ Saving Buskett*, skont struzzjonijiet mogħtija mill-*Project Manager* jew il-kapijiet rispettivi;

xi. twettaq dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

ii. selecting and shaping stones with traditional hand tools;

iii. excavating and laying of rubble and ashlar wall foundations as necessary;

iv. working on the various shapes and heights of rubble and ashlar walls as required;

v. working in the open countryside all year round;

vi. erecting walls, including rubble and ashlar walls of fields, gardens etc.;

vii. facing stones with hand tools as necessary in accordance with good trade practice;

viii. may be required to demolish existing walls;

ix. performing other work related to this skill and the embellishment of the man-made environment;

x. performing any other duties according to the exigencies of the Life+ Project, Saving Buskett, as directed by the Project Manager or respective Heads.

xi. any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-*Ċittadinanz*a u Expatriates skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija jew dik Ingliża;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese or English languages;

(iii) (a) ikollhom kwalifika rikonoxxuta fl-Livell 1 tal-MQF, jew kwalifika xierqa, kumparabbli u rikonoxxuta, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(iii) (a) persons in possession of a recognised qualification at MQF Level 1, or an appropriate, recognized, comparable qualification, plus two (2) years relevant work experience; or

(b) Uffiċjali Pubbliċi b'ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol relevanti

(b) Public Officers with five (5) years relevant work experience.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their

applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għal test prattiku u għal intervista minn Bord ta' Għażla biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni. Huma biss dawk il-kandidati li jiksbu mill-inqas 50% tal-marki allokati għat-test prattiku li jkunu jistgħu joqogħdu għall-intervista.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, it-2 ta' Marzu, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be required to sit for a practical test and will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post. Only candidates who obtain at least 50% of the marks allocated for the practical test will qualify for the interview.

Submission of applications

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Chief Justice Silvio Camilleri, LLD, Doctor of Laws.

Today 28th January, 2015

Registry of the Superior Courts, today 2nd February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

210

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr Miriam Hayman, LLD), wara rikors li ġie ppreżentat minn Erika Vella, datat 27 ta' Novembru, 2014, u wara rikors ieħor ippreżentat mis-soċjetà HSBC

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th January, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Miriam Hayman, LLD), after an application filed by Erika Vella, dated 27th November, 2014, and after another application

Bank Malta plc, datat 7 ta' Jannar, 2015, (Kumpilazzjoni numru 819/2014) fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)

Kontra

ERIKA VELLA, ta' 27 sena, diżokkupata, bint Mario u Rita née Zahra, imwielda Tal-Pietà, Malta, fis-27 ta' Settembru, 1986, residenti fil-fond 148, St Anthony, Flat 2, Triq San Albert, Gżira, Malta, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 438186M.

AWTORIZZAT ir-rilaxx tal-vettura Honda Fit bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS 784 f'idejn l-imputata Erika Vella, u awtorizzat ukoll il-kontinwazzjoni tal-ħlas tal-bilanċ dovut lill-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' €7,321.79 kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi fil-konfront ta' self mogħti lill-imputata fuq vettura, u l-Qorti għandha tiġi nfurmata b'nota f'każ li l-ħlas isir minn terz.

Din il-pubblikazzjoni qed issir wara digriet tal-ordni ta' ffriżar datat 27 ta' Novembru, 2014, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Diċembru, 2014, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 29 ta' Jannar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

filed by HSBC Bank Malta plc, dated 7th January, 2015, (Compilation number 819/2014) in the case:

The Police
(Inspector Gabriel Micallef)

Versus

ERIKA VELLA, 27 years, unemployed, daughter of Mario and Rita née Zahra, born in Tal-Pietà, Malta, on the 27th September, 1986, residing at 148, St Anthony, Flat 2, St Albert Street, Gżira, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 438186M.

AUTHORISED the release of the car Honda Fit with registration number EBS 784 in the hands of the accused Erika Vella, and authorised also the continuation of payments due to HSBC Bank Malta plc for the amount of €7,321.79 together with the relative interests for a car loan given to the accused, and the Court has to be informed by a note if such payments are made by third.

This publication was made following a freezing order dated 27th November, 2014, which was duly published in the Government Gazette on 5th December, 2014, in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 29th January, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

211

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr Miriam Hayman, LLD), Kumpilazzjoni numru 605/2014 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

Kontra

KEVIN PISANI, ta' 34 sena, diżokkupat, bin Anthony u Monica née Mallia, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Novembru, 1979, residenti f'numru 13, El Shaddai, Flat 1, Triq il-Larinġ, Ħ'Attard, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 577579M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th January, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Miriam Hayman, LLD), Compilation number 605/2014 in the case:

The Police
(Inspector Nikolai Sant)

Versus

KEVIN PISANI, 34 years, unemployed, son of Anthony and Monica née Mallia, born in Tal-Pietà, Malta, on the 30th November, 1979, residing at number 13, El Shaddai, Flat 1, Oranges Street, Ħ'Attard, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 577579M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due, or

lil, jew imissu lil KEVIN PISANI, jew li huma proprjetà tiegħu, u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

AWTORIZZAT lill-imputat li jipperċepixxi annwalment l-ammont previst mil-ligi li hu tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24), b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew mil-liema kont ikunu qed jiġu perċepiti l-istess flejjes, jew l-imputat jindika lill-Qorti hu stess mil-liema kont ikun qed jipperċepixxi l-flejjes indikati.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 28 ta' Jannar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

pertaining, or belonging to KEVIN PISANI, and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

AUTHORISED the accused to perceive annually the amount authorised by law which is thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24), provided that every financial entity is ordered to present a note by which inform the Court in which account or from which account these money are perceived, or the accused himself indicate to the Court from which account he is perceiving the money indicated.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 28th January, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

212

B'digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Farrugia Yasmin vs Callus David, rikors numru 1180/14 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Yasmin Farrugia (KI 357495M) vs David Callus (KI 437892M), fit-23 ta' Diċembru, 2014, ir-rikorrenti talab l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

Tiddikjara l-intimat responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-8 ta' Ottubru, 2011, fi Triq il-Belt Valletta, Iż-Żurrieq, li fih korriet gravi r-rikorrenti passiġġiera fil-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni XS1 200 misjuqa mill-intimat b'riżultat ta' liema soffriet danni u debilità permanenti, tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-imgħax u spejjeż legali kif mitluba kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: 2, Triq Isouard, Żurrieq.

Intimat: 'Mirage', Triq Minġej, Żurrieq.

By means of a decree given on the 21st January, 2015, by the Civil Court First Hall, in the records of the Sworn Application, in the names Farrugia Yasmin vs Callus David, application number 1180/14 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Yasmin Farrugia (ID 357495M) vs David Callus (ID 437892M), on the 23rd December, 2014, the applicant asked the respondent why this Honourable Court should not:

Declare the respondent responsible for the street accident which occurred on the 8th October, 2011, in Triq il-Belt Valletta, Żurrieq, whereby the applicant who was a passenger in the car with registration XS1 200 driven by the respondent was seriously injured and suffered damages and a permanent disability, liquidate all the damages suffered by the applicant, and uphold the other damages in the application.

With interest and legal costs as demanded against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 2, Triq Isouard, Żurrieq.

Respondent: 'Mirage', Triq Minġej, Żurrieq.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Yasmin vs Callus David, rikors numru 1180/14 LM, jinsab differit għas-smigħ għall-4 ta' Marzu, 2015, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names Farrugia Yasmin vs Callus David, application number 1180/124 LM, has been deferred for hearing to the 4th March, 2015, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

213

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, ordnat ix-xandir tal-bandu hawn taħt riprodott għall-finijiet tal-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Billi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Jannar, 2015, fuq rikors numru 4/2015 (JVC) ta' Mary Gauci, ġie ffissat il-jum tas-26 ta' Frar, 2015, fid-8.45 a.m. fl-Awla 'A' ta' din il-Qorti għall-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Carmel Gauci, iben il-mejtin Ludovico Gauci u Jane née Galea, imwieled Ir-Rabat, Għawdex, fejn miet fil-21 ta' Awwissu, 2014, (karta tal-identità numru 4847G), testat, u liema pubblikazzjoni għandha ssir ad opera tan-Nutar Paul George Pisani.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 27 ta' Jannar, 2015.

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur Qorti u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree dated the 27th of January, 2015, the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, ordered the publication of the banns reproduced hereunder for the purposes of Article 533 (1) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Whereas by virtue of a decree delivered on the 27th of January, 2015, in the records of application number 4/2015 (JVC) by Mary Gauci, 26th February, 2015, at 8.45 a.m. in Hall 'A' of this Court has been scheduled for the publication of the secret will of Carmel Gauci, son of the late Ludovico Gauci and Jane née Galea, born in Victoria, Gozo, where he died on the 21st of August, 2014, (identity card number 4847G), and who died testate. This said publication is to be effected by Notary Paul George Pisani.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, this 27th January, 2015.

MAUREEN XUEREB
For the Registrar of Courts and Tribunals (Gozo)

214

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fit-12 ta' Novembru, 2014, fuq rikors ta' Rigo Holdings Limited, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 12 ta' Frar, 2015, fil-ħdax ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Iż-żewġ garaxxijiet li jinsabu fil-livell tat-triq, bl-isem ta' 'Manly', Triq Antonio Caruana Gatto, Ħ'Attard, u li fihom 2.1 bi 11.5 metri u 3.8 bi 11.5 metri rispettivament, b'faċċata ta' 6.14 metri u front garden ta' 3 metri. Fuq wara tal-garaxxijiet hemm bitħa li hija fonda 2 metri. Il-garaxxijiet stmati li jiswew tlieta u disgħin elf u mitejn Ewro (€93,200).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Azzopardi Raymond.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/14.

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 12th of November, 2014, on the application of Rigo Holdings Limited, Thursday, 12th February, 2015, at eleven in the morning, for the Sale by Auction to be held on the first floor, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following property:

The two garages on street level named 'Manly', in Triq Antonio Caruana Gatto, Ħ'Attard, with measurements 2.1 by 11.5 metres and 3.8 by 11.5 metres respectively with a facade of 6.14 metres and a front garden of 3 metres. On the back of the garages there is a yard of 2 metres. The garages are valued at ninety-three thousand and two hundred Euro (€93,200).

The said tenement is the property of Azzopardi Raymond.

N.B. The said tenement will be sold as described in the judicial sales act 52/2014.

=Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 22 ta' Jannar, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

=Registry of the Superior Courts, this Thursday, 22nd January, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

215

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Lawrence Ronayne (KI 298194M), ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 243/14RGM), fejn talab il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tiegħu stess li jġib in-numru 2981/1994 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu nnotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 3 ta' Frar, 2015.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Lawrence Ronayne (ID 298194M), filed an application under oath (No. 243/14RGM), demanding Correction in his own Act of Birth number 2981/1994 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court, this 3rd February, 2015.

CORA AZZOPARDI
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

216

B'digriet mogħti fis-26 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Martin G. Spillane (KI 35446A) vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Appell 65/14 MCH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Wara deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, tas-27 ta' Novembru, 2014, Appell Nru. 803/2011 CF, fl-ismijiet PA 0304/11, Martin G. Spillane (KI 35446A) vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fis-17 ta' Diċembru, 2014, l-appellanti Joseph Camilleri (KI 923851M), espona bir-rispett:

Illi b'applikazzjoni, Full Development Permission - PA/304/11, l-applikant Joseph Camilleri, f'30, Sir Luigi

By means of a decree given on the 26th January, 2015, by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), in the records of the Appeal Application, in the names Martin G. Spillane (ID 35446A) vs The Malta Planning and Environment Authority, Appeal 65/14 MCH, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of an Appeal Application filed in the Court of Appeal (Inferior Appeals), Following the decision given by the Environment and Planning Review Tribunal, of the 27th November, 2014, Appeal No. 803/2011 CF, in the names PA 0304/11, Martin G. Spillane (ID 35446A) vs the Malta Planning Authority, on the 17th December, 2014, the appellant Joseph Camilleri (ID 923851M), respectfully pleaded:

That by an application - Full Development Permission - PA/304/11, the applicant Joseph Camilleri, in 30, Sir Luigi

Preziosi Square, Floriana, talab 'To sanction works as built and division of existing residence into two residential duplex units. No changes to facade', liema applikazzjoni ġiet milqugħa mill-Awtorità fit-12 ta' Ottubru, 2011.

Illi permezz ta' Appell imressaq quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, nhar il-11 ta' Novembru, 2011, Martin Spillane bħala third party objector appella mill-imsemmija deċiżjoni.

Illi permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru, 2014, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar iddeċieda l-Appell fl-ismijiet hawn fuq premessi bil-mod segwenti:

'Għaldaqstant, peress li kif spjegat sopra numru mill-aggravji tal-appellant jirriżultaw fondati f'termini ta' ppjanar, u peress li dawn jirriżultaw li huma ta' natura mill-aktar serja, dan it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn dan l-appell billi jilqa' dan l-appell u jirrevoka l-permess'.

.....omissis.....

Illi l-applikant ħassu aggravat b'din is-sentenza, u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell.

.....omissis.....

Illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

L-Ewwel Aggravju

Illi l-parti operattiva tad-deċiżjoni appellata tibda bil-mod segwenti:

'Mill-premess jirriżultaw numru ta' diskrepanzi/irregolaritajiet fil-mod kif ġew ipproċessati l-applikazzjonijiet PA 8232/05 u PA 304/11'.

Illi minn dan l-ewwel bran, jirriżulta li t-Tribunal mar oltre l-kompitu tiegħu li janalizza u jeżamina l-applikazzjoni mertu tal-appell miġjub quddiemu, u cioè PA 304/11, iżda minflok għażel li jeżamina u jiġġudika wkoll fir-rigward tal-permess bin-numru PA 8232/05, ġa maħruġ u approvat favur l-appellant Joseph Camilleri. Ma hemmx dubju li dan ma setax isir mit-Tribunal in kwantu l-proċess relattiv għall-imsemmi permess PA 8232/05 hu eżawrit, u għalhekk f'dan is-sens hu res judicata.

Illi fil-fatt dawn id-diskrepanzi/rregolaritajiet li qal li sab it-Tribunal fil-permess oriġinali PA 8232/05, huma fost ir-raġunijiet ewlenin li a bażi tagħhom it-Tribunal għażel li jirrevoka l-permess PA 3404/11 kif jirriżulta mis-segwenti:

Preziosi Square, Floriana, asked 'To sanction works as built and division of existing residence into two residential duplex units. No changes to facade', which application was upheld by the Authority on the 12th October, 2011.

That by means of an Appeal brought before the Environment and Planning Review Tribunal, on the 11th November, 2011, Martin Spillane as third party objector appealed from the said decision.

That by means of a judgement given on the 27th November, 2014, the Environment and Planning Review Tribunal decided the Appeal in the names above premised in the following manner.

'Thus, because as above explained a number of the grievances of the appellant resulted as founded in terms of planning, and as these resulted of a most serious nature, this Tribunal is disposing of this appeal by upholding this appeal and revoke the permit'.

.....omissis.....

That the applicant felt aggrieved by this judgement, and is thus filing this humble appeal.

.....omissis.....

That the grievances of the appellant are clear and manifest, and consist in the following:

The First Grievance

That the operative part of the decision appealed begins in the following manner:

'From the premised there result a number of discrepancies/irregularities in the mode how the applications PA 8232/05 and PA 304/11 were processed'.

That from this first paragraph, it results that the Tribunal went beyond its duty to analyse and examine the application merit of this appeal brought before it, and namely PA 304/11, but instead chose to examine and adjudicate also in regard to the permit with number PA 8232/05, already issued and approved in favour of the appellant Joseph Camilleri. There is not doubt that this could not be made by the Tribunal in so far as the proceedings regarding the permit PA 8232/05 is exhausted, and thus in this sense is res judicata.

That in fact these descrepancies/irregularities which the Tribunal found in the original permission PA 8232/05, are amongst the main reasons on the basis of which the Tribunal chose to revoke the permit PA 3404/11 as results from the following:

'Jirriżulta ċar li l-elevation (PA 8232/05/55C) (55C) li hija drawing approvata, u li fuqha kienet ibbażata l-applikazzjoni PA 7232/05, kellha żewġ żbalji fondamentali fiha, u cioè l-għoli tal-binja adjaċenti s-sit in eżami kienet murija madwar metru għola milli fil-fatt kienet, filwaqt li l-għoli tal-bini fuq is-sit in eżami ġie muri iżjed baxx milli huwa fil-verità.

.....omissis.....

Illi għalhekk mis-suespost, jirriżulta b'mod l-aktar ovvju li t-Tribunal żbalja in kwantu aġixxa kemm ultra vires u anke ultra petita peress li la għandu l-poter u anqas kien mitlub minnu li b'xi mod jindaga jew jiġġudika fir-rigward tal-permess PA 232/05, ġa maħruġ mill-Awtorità favur l-appellant ...omissis... Għalkemm it-Tribunal għandu kull dritt li ma jaqbilx mal-permess ġa maħruġ, dan ma jfissirx li t-Tribunal għandu l-poter jew id-dritt li jissindika dwar l-istess u multo magis a bażi ta' allegati diskrepanzi jew irregolaritajiet. Ġaladarba nħareġ permess favur l-appellant u t-termini imposti mil-liġi sabiex tali permess jiġi attakkat sia permezz ta' appell jew b'mezzi oħra fosthom inter alia l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 iddekorrew ma jistax issa, u fil-fatt ma għandu l-ebda jedd legali t-Tribunal bl-iskuża tal-permess in eżami jerġa jiftaħ il-kotba relattivament għall-permess validu ġa approvat u maħruġ.

Però, oltre l-bran ġa ċitat, it-tribunal baqa' jinsisti li jissindika dak li ġara fil-każ tal-permess PA 8232/05, u bħala raġuni finali għar-revoka tal-permess in eżami PA 304/11 qal ukoll ...omissis... Għalhekk dejjem bid-dovut rispett, it-Tribunal żbalja meta kkonkluda li l-Awtorità kellha tirrileva li kien hemm ksur ta' kundizzjoni fil-permess PA 8232/05 għaliex l-għan tal-applikazzjoni tal-appellant kien sabiex jitlob li tali rregolarità tiġi ssanata. Kwindi il-fatt fih innifsu li kien hemm irregolarità li tmur kontra l-permess PA 8232/05 żgur li mhix raġuni sabiex tali irregolarità tiġi ssanata.

Illi dan l-aggravju hu simili ħafna għall-uniku aggravju mressaq fl-appell deċiż minn din l-Onorabbli Qorti, fl-ismijiet, Philip Cortis vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar (App. Nru. 170/12 MCH) deċiż fit-22 ta' Jannar, 2014.

.....omissis.....

Id-deċiżjoni tat-Tribunal hi bbażata kompletament fuq prinċipju żbaljat tal-liġi u ta' dak li jikkostitwixxi permess maħruġ validament, u b'konsegwenza, it-Tribunal skarta li jitratta l-applikazzjoni odjerna fuq il-mertu tagħha a bażi ta' dak ġa eżistenti qua permessi maħruġa u fl-ebda ħin revokat.

'It results clearly that the elevation (PA 8232/05/55C) (55C) which is an approved drawing, and on which application PA 7232/05 was based included two fundamental mistakes, and namely the height of the building adjacent the site in examination was shown circa one metre higher than it infact is, whilst the height of the building on the site in examination was shown lower than it truly is'.

.....omissis.....

That thus from the above, it results most obviously that the Tribunal was mistaken in so far as it acted both both ultra vires and even ultra petita because it does not have the power and much less it was not asked to inquire in any manner or adjudicate regarding permit PA 232/05, already issued by the Authority in favour of the appellant ...omissis... Although the Tribunal has every right not to agree with the permit already issued, this does not mean that the Tribunal has the power or the right to review the same and multo magis on the basis of alleged descrepancies or irregularities. Once a permit has been issued in favour of the appellant and the terms imposed by law so that the said permit be attacked both by means of an appeal or other means amongst which inter alia Article 469A of Cap. 12 passed now, and in fact the Tribunal has no legal right with the excuse of the permit in examination to open again the records relating to a valid permit already approved and issued.

However, besides the paragraph above cited, the Tribunal continued to insist to review what happened in the case of the permit PA 8232/05, and as a final reason for the revocation of the permit in examination PA 304/11 it also stated ...omissis... Thus always with the due respect, the Tribunal was mistaken when it concluded that the Authority had to point out that there was a violation of a condition in the permit PA 8232/05 because the purpose of the application of the appellant was in order that it be asked that such irregularity be rectified. Thus the fact itself that there was an irregularity which goes against the permit PA 8232/05 is certainly no valid reason so that such irregularity be rectified.

That this grievance is very similar to the only grievance brought forward in the appeal decided by this Honourable Court, in the names Philip Cortis vs The Malta Environment and Planning Authority (App. No. 170/12 MCH) decided 22nd January, 2014.

.....omissis.....

The Tribunal's decision is based completely on a wrong principle of the law and of what constitutes a permit validly issued, and consequently, the Tribunal avoided to deal with the present application on its merit on the basis of that already existing as regards permits issued and at no time revoked.

It-Tieni Aggravju

Mill-atti tal-appell quddiem it-Tribunal, jirriżulta li fis-seduta miżmuma nhar il-25 ta' April, 2013, il-Perit Joseph Cachia għan-nom ta' Martin Spillane, ossia l-appellant f' dawk il-proċeduri quddiem it-Tribunal ingħata d-dritt li fi żmien xahar jippreżenta pjanta li turi l-faċċata tal-iżvilupp biex jispjega viżwalment l-oġġezzjoni tiegħu filwaqt li differixxa l-appell għas-sentenza. Però għalkemm il-Perit kellu jippreżenta pjanta jirriżulta li dak li ġie ppreżentat kienu fil-fatt sottomissjonijiet li l-appellant ma kienx awtorizzat jippreżenta. Jiġi rilevat li għalkemm fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2013, l-applikant kellu jiġi notifikat bil-pjanta spjegattiva din qatt ma ġiet notifikata lill-applikant illum appellant ...omissis... Għalhekk dejjem bid-dovut rispett, it-Tribunal żbalja doppjament bi preġudizzju għall-appellant in kwantu fl-ewwel lok ma messux li ppermetta li jitressqu tali sottomissjonijiet, meta fil-fatt kellha titressaq biss pjanta, u fit-tieni lok fi kwalunke każ, it-Tribunal ma vverifikax jekk l-appellant ġiex innotifikat b'tali sottomissjonijiet o meno meta l-appellant kellu diversi punti xi jwieġeb għas-sottomissjonijiet imressqa.

It-Tielet Aggravju

Illi minn informazzjoni li għandu l-appellant, jirriżulta li l-fond adjaċenti għas-sit in kwistjoni ma għadux proprjetà tat-third party objector Martin Spillane, u għalhekk l-istess Spillane ma għandux aktar interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni. Huwa paċifiku li interess ġuridiku irid jissussisti tul il-kors kollu tal-proċeduri, u għalhekk l-istess Spillane irid jipprova li fil-fatt għandu interess ġuridiku.

.....omissis.....

Għaldaqstant, l-appellant filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha ġa prodotti quddiem it-Tribunal ta' reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar, u filwaqt li jirriżerva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha lilu permessi skont il-liġi jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar nhar is-27 ta' Novembru, 2014, fl-ismijiet Martin G. Spillane vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar fuq riferita, u tirrinvija l-atti quddiem l-istess Tribunal, bl-ispejjeż.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Martin G. Spillane vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar, il-Qorti ffissat is-smigħ tal-kawża għall-Erbgħa, ħdax (11) ta' Frar, 2015, fid-9.00 a.m.

Rikorrent: Tynedale, Triq tal-Wej, Mosta.

The Second Grievance

From the records of the appeal before the Tribunal, it results that during the sitting held on the 25th April, 2013, Architect Joseph Cachia on behalf of Martin Spillane, or rather the appellant in those procedures before the Tribunal was given the right so that within a month he presents a plan which shows the facade of the development so that he visually explains his objection whilst it put off he appeal for judgement. However although the Architect had to present a plan it results that what had been presented were submissions that the appellant was not authorised to present. It is pointed out that although during the minutes of the sitting of the 25th April, 2013, the applicant had to be notified with the explanatory plan this was never notified to the applicant today appellant ...omissis... Thus always with the due respect, the Tribunal was doubly mistaken to the prejudice of the appellant because in the first place he should not have permitted that such submissions be brought forward, when in fact only a plan should have been submitted and in the second place in any case the Tribunal did not verify whether the appellant was notified with such submissions or not when the appellant had various points to answer to the submissions brought forward.

The Third Grievance

That from information that the appellant has, it results that the adjacent premises to the site in question is no longer the property of the third party objector Martin Spillane, and thus the same Spillane has no longer any juridical interest in the present procedures. It is agreed that juridical interest must exist during all the course of the procedures, and thus the same Spillane has to prove that he has juridical interest.

.....omissis.....

Thus, the appellant whilst referring to all the proof already produced before the Environment and Planning Review Tribunal, and whilst reserving the right to bring all the proof permitted to him according to law respectfully prays that this Honourable Court cancel, revoke and annul the judgement given by the Environment and Planning Review Tribunal, on the 27th November, 2014, in the names Martin G. Spillane vs The Malta Environment and Planning Authority above referred to, and send back the records before the same Tribunal, with costs.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal between Martin G. Spillane vs The Malta Environment and Planning Authority have been closed, the Court fixed the hearing of the cause on Wednesday, eleventh (11th) of February, 2015, at 9.00 a.m.

Applicant: Tynedale, Triq tal-Wej, Mosta.

Intimati: (1) Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, St Anne Street, Floriana.

(2) Martin Spillane, 31, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 3 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Respondents: (1) Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, St Anne Street, Floriana.

(2) Martin Spillane, 31, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 3rd February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

217

B'digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2015 mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fuq rikors ta' Sammut Emanuel et, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 28 ta' April, 2015, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx numru tlieta (3), li jagħmel parti mill-Blokka 'Lily of the Valley', fi Triq Monsinjur Indrì Fenech, Il-Mellieħa. Il-garaxx hu liberu u frank, stmat li jiswa tnax-il elf u ħames mitt Ewro (€12,500).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Calleja Jason u Calleja Daniela.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 20/2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 3 ta' Frar, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 27th January, 2015, on the application of Sammut Emanuel et, Tuesday, 28th April, 2015, at half past ten in the morning, for the Sale by Auction to be held at the Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following property:

The garage numbered three (3), which forms part of the Block named 'Lily of the Valley', in Triq Monsinjur Indrì Fenech, Mellieħa. The garage is free and unencumbered, valued at twelve thousand and five hundred Euro (€12,500).

The said tenement is the property of Calleja Jason and Calleja Daniela.

N.B. The said tenement will be sold as described in the judicial sales act 20/2014.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 3rd February, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

218

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-20 ta' Jannar, 2015, fuq rikors ta' Mugliette Edmond et, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2015, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'More Supermarket, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta, u More Supermarket, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand More Supermarkets (Ħamrun) Ltd et.

Il-Mosta

Cash Points tal-marka Datalogic Magellen, magni tal-ġobon, slicer tal-perżut, makna tal-ikkapuljat, sinkijiet tal-istainless steel, reċipjenti tal-istainless steel, fran tal-

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 20th January, 2015, on the application of Mugliette Edmond et, Wednesday, 18th February, 2015, at half past nine in the morning, has been fixed for the Sale by Auction to be held at More Supermarket, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, and More Supermarket, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, of the following items seized from the property of More Supermarkets (Ħamrun) Ltd et.

Mosta

Cash Points of the make Datalogic Magellen, cheese machines, ham slicer, mince meat machine, stainless steel sinks, stainless steel containers, stainless steel ovens, three

istainless steel, tliet (3) TFT tal-marka LG, imwieżen, cold rooms, freezers, fannijiet, racks, air-conditioners tal-marka Gree, siġġijiet, photocopier, trolleys, monitors, kompjuter, qfief u diversi oġġetti oħra.

Ħaż-Żebbuġ

Display tal-ġobon, magna tal-ġobon, reċipjenti ta' kulur silver, imwieżen, slicer tal-perżut, sinkijiet tal-istainless steel, lampi, cold rooms, freezers, fannijiet, racks, air-conditioners tal-marka Gree, siġġijiet, photocopier, trolleys, monitors, kompjuter, qfief, imwejjed, units tal-injam, trolleys, step stool, kompressur, lifts, fork lifter, generator u diversi oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħal ma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 34/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

(3) TFT of the make LG, weight scales, cold rooms, freezers, fans, racks, air-conditioners of the make Gree, chairs, photocopier, trolleys, monitors, computer, shopping baskets and other various objects.

Ħaż-Żebbuġ

Cheese display, cheese machine, containers silver in colour, weighting scales ham slicer, stainless steel sinks, lamps, cold rooms, freezers, fans, racks, air-conditioners of the make Gree, chairs, photocopier, trolleys, monitors, computer, shopping baskets, tables, wood units, trolleys, step stool, compressor, lifts, fork lifter, generator and various other objects.

N.B. The said items will be sold as described in the acts of the file number 34/14.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th January, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

219

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fis-27 ta' Jannar, 2015, fuq rikors ta' Mugliette Edmond et, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2015, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'More Supermarket, Daniel's Shopping Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun, u More Supermarket, Galleria Complex, Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand More Supermarkets (Ħamrun) Ltd et.

Il-Ħamrun

Display tal-ġobon, magna tal-ġobon, kontenituri, imwieżen, slicer tal-perżut, sinkijiet tal-istainless steel, lampi, cold rooms, freezers, fannijiet, racks, air-conditioners tal-marka Daikin, siġġijiet, step stool, security system, safe, tnejn (2) TFT tal-marka LG, trolleys, kompjuters, desk, bins, monitors, imwejjed u diversi oġġetti oħra.

Il-Fgura

Display tal-ġobon, magni tal-ġobon, slicers, sinkijiet stainless steel, reċipjenti tal-istainless steel, fran, grill, erba' (4) TFT tal-marka LG, imwieżen, xkaffar, cash points tal-marka Magellan, racks, air-conditioners tal-marka Gree, server system IT u CV system, monitors tal-marka LG, kompjuter, safe, microwave, kameras, freezers, locker unit u diversi oġġetti oħra.

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the application of Mugliette Edmond et, Wednesday, 25th February, 2015, from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the Sale by Auction to be held at More Supermarket, Daniel's Shopping Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, and More Supermarket, Galleria Complex, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura, of the following items seized from the property of More Supermarkets (Ħamrun) Ltd et.

Ħamrun

Cheese display, cheese machines, containers, weight scales, ham slicer, stainless steel sinks, cold rooms, freezers, racks, Daikin air-conditioners, chairs, security system, safe, two (2) TFT of the make LG, trolley, computers, desk, bins, monitors, tables and other various objects.

Fgura

Cheese display, cheese machines, slicers, stainless steel sinks, containers of stainless steel, ovens, grill, four (4) TFT of the make LG, scales, racks, cash points of the make Magellan, air-conditioners of the make Gree, server system IT and CV system, monitors of the make LG, computer, safe, microwave, cameras, freezers, locker unit and other various objects.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 34/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said items will be sold as described in the acts of the file number 34/14.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th January, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

220

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia, LLD), Kumpilazzjoni numru 94/2015 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)
(Spettur Roderick Zammit)

Kontra:

LEWIS SANT, 54 sena, impjegat mal-Enemalta, iben il-mejjet Paul u Josephine née Bonello, imwieled ir-Rabat, Malta, fis-7 ta'Awwissu, 1960, residenti f'Clifftops, Triq il-Maddalena, Ħad-Dingli, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 550660M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil LEWIS SANT, jew li huma proprjetà tiegħu, u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

AWTORIZZAT lill-imputat sabiex jiżbanka l-ammont li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena li jiġu elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,164.60) fix-xahar mill-kont bankarju tiegħu mal-Bank of Valletta plc.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 2 ta' Frar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th January, 2015 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Marse-Ann Farrugia, LLD), Compilation number 94/2015 in the case:

The Police
(Inspector Daniel Zammit)
(Inspector Roderick Zammit)

Versus:

LEWIS SANT, 54 years, Enemalta employee, son of the late Paul and Josephine née Bonello, born in Rabat, Malta, on the 7th August, 1960, residing at Clifftops, Maddalena Street, Ħad-Dingli, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 550660M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to, or pertaining, or belonging to LEWIS SANT, and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Article 5 of Chapter 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta, in accordance with Article 23A (2) of Chapter 9 of the Laws of Malta.

AUTHORISED that the accused can withdraw the amount which will not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year that is one thousand, one hundred and sixty-four Euro and sixty cents (€1,164.60) per month from his Bank account with Bank of Valletta plc.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 2nd February, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

221

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia, LLD), Kumpilazzjoni numru 95/2015 fil-kawża fl-ismijiet:

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th January, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry - (Magistrate Dr Marse-Ann Farrugia, LLD), Compilation number 95/2015 in the case:

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)
(Spettur Roderick Zammit)

Kontra:

MARVIN CUCCIARDI, 37 sena, impjegat mal-Enemalta, iben il-mejjet George u Mary née Bezzina, imwieled iż-Żurrieq, Malta, fis-26 ta' Lulju, 1977, residenti f'105, Ommna Maria, Vjal il-Blue Grotto, Iż-Żurrieq, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 453877M.

